# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**
**(Agent President)**
**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 19 ta' Ottubru 2015**

**Numru**

**Citazzjoni Numru 516/10 GCD**

**T.F.E.A Limited, socjeta` registrata f'Malta li ggib in-numru C48326**

**v.**

**Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Kummerc**

<u>Preliminari</u>

1. Dan huwa rikors maghmul mis-socjeta` attrici ghar-ritrattazzjoni ta' kawza fi stadju ta' Appell wara sentenza moghtija minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fl-1 ta' April 2014 li permezz taghha giet

revokata s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Gunju 2010.

2. Permezz tar-rikors odjern is-socjeta` attrici qeghdha titlob ir-revoka tas-sentenza tal-1 ta' April 2014, u r-ritrattazzjoni tal-kawza, ghar-ragunijiet kontemplati fil-paragrafi [f] u [e] tal-Artikolu 811 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Is-Sentenza tal-1 ta' April 2014

3. Il-fatti u l-konsiderazzjonijiet li wasslu lil din il-Qorti ghas-sentenza ["is-sentenza attakkata"] moghtija fl-1 ta' April 2014 huma mfissrin adegwatament f'din l-istess sentenza li ghalhekk qed tigi riprodotta fl-intier taghha.

> "Rat ir-rikors guramentatipprezentat mis-socjeta` attrici fid-19 ta' Mejju 2010 li jaqra hekk:
>
> "1. Illi huma jikru minghand l-eredita` tal-Markiz John Scicluna u minghand Christianne Ramsay Pergola u Mignon Marshall l-artijiet u ufficcji maghrufa bhala t-Trade Fair Grounds, Naxxar;
>
> "2. Illi dan l-ufficcju u dawn l-artijiet ilhom sa mis-snin 1958 'l hawn adibit u uzati ghaz-zamm ta' fieri hekk kif jidher mid-diversi licenzji tal-kummerc u tal-Kummissarju tal-Pulizija mahruga matul is-snin kopja ta' liema qeghdin jigu hawn esebiti ma' dan ir-rikors;
>
> "3. Illi ricentement huma ghamlu applikazzjoni mad-direttur generali tal-kummerc ghal biex izommu fiera bejn l-24 ta' Gunju 2010 u sal-4 ta' Lulju, 2010, illi d-direttur hawn intimat baqa ma processax din l-applikazzjoni kopja ta' liema hi hawn esebita billi ppretenda li biex l-artijiet ikunu jistghu jigu licenzjati biex jinzammu fieri fihom kien jehtieg li qabel xejn ikun hemm applikazzjoni mal-awtorita` tal-ippjanar biex jigi permess li dawn l-artijiet ikunu adibit ghaz-zamm ta' fieri;

"4. Illi din il-posizzjoni li ha d-direttur intimat hija wahda erronea fil-ligi u dan billi hemm bzonn il-permess tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar biss meta jkun ser isir zvilupp jew bdil ta' uzu; billi l-artijiet in kwistjoni kienu ghal nofs seklu shih uzati ghall-zamm ta' fieri u kienu debitament licenzjati mill-awtoritajiet kompetenti ghal dan l-uzu kif jirrizulta ampjament mil-licenzji u permessi esibiti, ir-rikorrenti ma ghandhom bzonn jaghmlu l-ebda applikazzjoni ghal permess ghall-izvilupp qabel ma jkunu jistghu jottjenu l-licenzja ta' fiera kummercjali kif huma qeghdin jitolbu;

"5. Illi r-rikorrenti kienu interpellaw ufficjalment lill-intimat b'dan b'ittra ufficjali ta' April 2010, izda inutilment ghaliex ma hadu l-ebda risposta minghand l-intimat u l-intimat baqa jirrifjuta li jipprocessa l-applikazzjoni taghhom;

"Ghaldaqstant jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara u tiddeciedi li:

> "1. Ir-rikorrenti ma ghandhomx bzonn li japplikaw ghall-permess ta' zvilupp fuq l-artijiet fuq imsemmija u cioe` fir-rigward tal-artijiet maghrufa bhala t-trade fair grounds, Naxxar u dan billi l-istess artijiet jinsabu ga adibiti ghall-uzu ta' fieri kummercjali u biz-zamm ta' fiera kummercjali fl-artijiet fuq imsemmija r-rikorrenti ma huma ser jaghmlu l-ebda zvilupp;
>
> "2. Tikundanna ghalhekk lill-intimat biex jikkunsidra u jipprocessa l-applikazzjoni taghhom fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni skont il-ligi;
>
> "Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni."

"Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur intimat li in forza taghha eccepixxa illi:

> "1. Illi huwa ma jintromettix ruhu fil-kirjiet privati u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghall-provi dwar dak dikjarat fl-ewwel paragrafu tar-rikors in risposta.
>
> "2. Illi huwa jaqbel illi l-artijiet meritu tar-rikors in risposta, jekk huma l-istess artijiet fejn kienet tinzamm it-Trade Fairs Corporation, kienu jintuzaw ghal dak l-iskop sal-2007 pero` jirrileva illi mill-2007 'il quddiem dak l-uzu waqaf u ma regax irriprenda. Illi l-licenzji msemmija fir-rikors in risposta ma kienux licenzji favur is-socjeta` attrici li hija kreatura pjuttost recenti.
>
> "3. Illi dwar dak dikjarat fil-paragrafu 3 tar-rikors in risposta l-esponenti jirrileva illi fiera kummercjali tista' tigi organizzata biss go fond li jkollu licenzja tal-Kummerc sabiex fih jigu organizzati l-fieri u dan skont ir-regolament 34 tar-Regolamenti dwar il-Licenzji tal-Kummerc (SL 441.07). Illi l-artijiet indikati fir-rikors in risposta la huma licenzjati sabiex fihom jigu organizzati l-fieri u lanqas ma saret xi applikazzjoni ma l-esponent sabiex jigu hekk licenzjati. Illi ghalhekk l-applikazzjoni biex tinzamm fiera kummercjali f'artijiet li ma humiex licenzjati sabiex fihom jinzammu l-fieri hija applikazzjoni monka illi ma

tistax tigi processata u wisq inqas tintleqa' waheda fl-assenza ta' applikazzjoni ghal-licenzjar tal-fond sabiex ikunu jistghu jinzammu fieri fih. Illi huwa manifest illi sabiex artijiet jigu licenzjati ghaz-zamma ta' fieri fihom l-awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar trid jew taqbel illi dawk l-artijiet ma jinhtiegu ebda permess minn ghandha sabiex isiru l-fieri fihom jew inkella dik l-Awtorita` trid tkun harget permess ghal hekk. Certament illi s-socjeta` attrici ma tistax tippretendi illi l-esponent jiddeciedi hu illi hi llum ma ghandha bzonn ebda permess minghand l-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sabiex tiggestixxi l-attivita` ta' fieri kummercjali mill-fond inkwistjoni. Fil-fatt ir-Regolamenti dwar il-Licenzji tal-Kummerc infushom jipprovdu illi l-esponent jista' johrog licenzji tal-kummerc b'mod konformi mal-premessi tal-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar il-fondi kummercjali inkwistjoni.

"4. Illi dwar dak dikjarat fil-paragrafu 4 tar-rikors in risposta l-esponent jirrileva illi la huwa l-esponent u lanqas ma hija s-socjeta` attrici illi huma kompetenti sabiex jiddeciedu jekk abbazi tal-fatti kif issuccedew hemmx bzonn ta' permess illum minghand l-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sabiex l-artijiet meritu tal-kawza jigu uzati ghaz-zamma tal-fieri. Fil-fatt l-esponent lanqas ma jista' illum jindaga din il-kwistjoni peress illi s-socjeta` attrici lanqas biss ma applikat ghal-licenzja sabiex l-artijiet inkwistjoni jigu licenzjati ghaz-zamma ta' fieri.

"5. Illi l-esponent irrisponda ghall-ittra ufficjali tar-rikorrenti billi spjega s-sitwazzjoni pero` jidher car illi r-rikorrenti jridu illi huwa johrogilhom licenzja rrispettivament minn jekk il-fond inkwistjoni illum ghadux jikkwalifika biex jerga' jsir fond illi minnu jigu gestiti l-fieri jew le. Illi kif is-socjeta` attrici diga` giet informata malli ssir l-imsemmija applikazzjoni sabiex l-artijiet inkwistjoni jkunu koperti b'licenzja sabiex fihom jigu organizzati l-fieri l-esponent jkun jista' jivverifika jekk dak allegat mis-socjeta` attrici dwar il-htiega o meno ta' permess minghand l-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar huwiex legalment u fattwalment korrett jew le. Pero` fin-nuqqas ta' applikazzjoni ghal trail licenzja lanqas dan ma jista' jsir billi l-esponent certament illi ma huwiex kompetenti sabiex johrog licenzja minghajr ma tkun saret applikazzjoni ghaliha.

"6. Illi la darba huwa car illi din il-kawza tikkoncerna materja li taqa' fil-mansjoni tal-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, senjatament il-kwistjoni dwar jekk fic-cirkostanzi tal-kaz hemmx bzonn permess minghand dik l-Awtorita` jew le, l-esponent jitlob illi l-istess Awtorita` tigi kjamata fil-kawza sabiex jigi evitat illi permess ta' bdil ta' uzu, jekk hemm bzonnu, prattikament jinhareg b'sentenza tal-Qorti b'mod li jigi evitat kull involviment tal-awtorita` kompetenti fil-materja.

"7. Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` attrici huma:

> "(i) intempestivi billi qed jitolbu permess minghajr ma ghadha saret applikazzjoni ghal tali permess; u
>
> "(ii) diretti kontra l-esponent li ma huwiex il-legittimu kontradittur f'materja ta' permessi tal-bini u ta' bdil ta' uzu ta' artijiet; u

"(iii) infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-esponenti ma hgawdi ebda setgha li japplika hu l-ligi dwar l-Ambjent u l-Ippjanar indipendentement mill-Awtorita` kompetenti f'dak il-qasam.

"8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

"9. Bl-ispejjez."

"Rat is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Gunju 2010, li biha ddecidiet il-kawza fis-sens li:

"… … tilqa' t-talbiet tal-attriċi: tgħid illi ma huwiex meħtieġ illi l-attriċi tagħmel talba għall-permess ta' żvilupp fuq l-artijiet tan-Naxxar billi dawn l-artijiet huma "post liċenzjat biex jinżammu fih fieri kummerċjali" għall-għanijiet tar-reg. 34(2) tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, u għalhekk tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien erbat ijiem millum iqis it-talba tal-attriċi biex din titħalla żżomm fiera fl-artijiet tan-Naxxar bejn l-24 ta' Ġunju u l-4 ta' Lulju 2010 u fl-istess żmien jagħti deċiżjoni dwarha.

"18. Għall-għanijiet tal-art. 222 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-qorti tgħid illi, fin-nuqqas tal-konvenut li jagħti deċiżjoni fuq it-talba tal-attriċi fiż-żmien li ngħatalu, jitqies illi dik it-talba tkun intlaqgħet u li l-permess meħtieġ ikun ingħata. Dan, naturalment, jingħad bla ħsara għas-setgħa tal-konvenut li, fiż-żmien li ngħatalu, jinqeda bis-setgħat mogħtija lilu mil-liġi biex, dejjem fil-parametri tal-liġi, iqis għandux jilqa' jew jiċħad it-talba tal-attriċi.

"19. Billi d-dubju tal-konvenut dwar l-interpretazzjoni tal-liċenza mogħtija taħt ir-Regolamenti tal-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija kien wieħed ġenwin u, fiċ-ċirkostanzi, mhux irrazzjonali, u kien motivat mix-xewqa li kollox isir kif trid il-liġi, huwa xieraq illi l-ispejjeż jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet."

"Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"7. Il-fatti relevanti huma dawn: L-artijiet li dwarhom saret din il-kawża huma l-artijiet li fuqhom kienet tinżamm kull sena sa mill-1958, b'xi interruzzjonijiet żgħar, fiera kummerċjali f'Ġunju jew Lulju u fieri oħra speċjalizzati. Il-fiera kummerċjali kienet tinżamm mill-*Malta Trade Fairs Corporation* sas-sena 2006, u fis-sena 2007 kienet organizzata mis-soċjetà *Malta Fairs and Conventions Centre Limited*. Billi, fl-2007, għalaq iċ-ċens fuq l-art, il-fiera kummerċjali ma nżammitx fis-snin 2008 u 2009.

"8. Is-soċjetà attriċi issa kriet l-art mingħand is-sidien u għamlet talba lill-konvenut biex tingħata l-liċenza meħtieġa biex terġa' żżomm fiera fuq l-art bejn l-24 ta' Ġunju u l-4 ta' Lulju 2010. Din il-liċenza qiegħda tintalab taħt ir-reg. 34 tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ[1], maħruġa taħt l-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ[2]. Dan ir-regolament, fil-parti relevanti tiegħu, igħid hekk:

[1] L.S. 441.07.

> ““**34.** (1) Ħadd ma jista’ jorganizza jew jippermetti li tiġi organizzata fiera kummerċjali li tkun tinkludi l-bejgħ bl-imnut ta’ oġġetti jew servizzi lill-pubbliku kemm-il darba ma tkunx inħarġet liċenza speċifikament għal dik l-attività mis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ imsemmija bħala Liċenza ta’ Fiera Kummerċjali:
>
> “… … …
>
> “(2) Il-post fejn tista’ tkun organizzata fiera kummerċjali għandu jkun post liċenzjat biex isir il-bejgħ bl-imnut jew kull post liċenzjat biex jinżammu fih fieri kummerċjali.”

“9. Mela biex tista’ tinżamm fiera kummerċjali hija meħtieġa Liċenza ta’ Fiera Kummerċjali, li tinħareġ mill-konvenut. Il-konvenut, iżda, jista’ joħroġ dik il-liċenza biss meta l-fiera tkun sejra tinżamm f’post “liċenzjat biex jinżammu fih fieri kummerċjali”. Fil-każ tallum il-konvenut qiegħed igħid illi l-artijiet tan-Naxxar ma humiex post hekk liċenzjat u għalhekk ma jistax joħroġ Liċenza ta’ Fiera Kummerċjali.

“10. L-attriċi, min-naħa l-oħra, tgħid illi l-post huwa hekk liċenzjat, u tistrieħ fuq liċenza[3] mogħtija taħt ir-Regolamenti tal-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija[4], maħruġa taħt l-Att dwar il-Liċenzi tal-Pulizija[5].

“11. L-attriċi tgħid ukoll illi din il-liċenza għadha tiswa bis-saħħa tad-disposizzjoni transitorja tal-art. 22(3) tal-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, li jgħid illi “kull liċenza, permess, sensja jew awtorità oħra mogħtija taħt xi liġi jew xi disposizzjoni tagħha, li tkun qed tiġi emendata b’dan l-Att … … …, u li tkun għadha fis-seħħ minnufih qabel dik l-emenda, għandha tkompli fis-seħħ wara dik id-data bħallikieku kienet liċenza, permess, sensja jew awtorità mogħtija taħt xi disposizzjoni korrispondenti ta’ dan l-Att, jew taħt dawk il-liġijiet kif emendati”. Din id-disposizzjoni, iżda, ma tgħoddx għall-każ tallum għax l-Att dwar il-Liċenzi tal-Pulizija u r-regolamenti magħmula taħtu – li bis-saħħa tagħhom inħarġet il-liċenza li fuqha tistrieħ l-attriċi – ma kienx emendat bl-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ. Il-liċenza għadha tiswa mhux bis-saħħa ta’ din id-disposizzjoni transitorja iżda għax l-Att dwar il-Liċenzi tal-Pulizija u r-regolamenti magħmula taħtu għadhom fis-saħħ sallum. Ma huwiex kontestat illi l-liċenza, għalkemm tħassret għal xi żmien, kienet reġgħet inġiebet fis-seħħ u għadha fis-seħħ sallum.

“12. Il-kwistjoni, iżda, hija oħra: il-kwistjoni, kif definita mill-partijiet stess waqt is-seduta tas-16 ta’ Ġunju 2010, hija jekk dik il-liċenza hijiex biżżejjed għall-għanijiet tar-reg. 34(2) tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ. Il-konvenut qiegħed igħid illi ma hijiex biżżejjed

---

2 Kap. 441.

3 Dok. C, *fol.* 12.

4 L.S. 128.01

5 Kap. 128.

għax il-liċenza tagħti biss is-setgħa "*to keep an office for the managing of the Malta International Fair at numbers 4 and 5, Alley 1, Gwejdja Street, Naxxar*".

"13. Il-kwistjoni għalhekk hija jekk il-liċenza tolqotx biss l-uffiċċji, li huma biss parti relativament żgħira mill-artijiet tan-Naxxar, jew tolqotx l-artijiet kollha. Interpretazzjoni stretta tal-kliem tal-liċenza tagħti raġun lill-konvenut; il-qorti, iżda, hija tal-fehma illi interpretazzjoni korretta u *in bona fide* li tagħti tifsira raġonevoli lill-intenzjoni wara l-ħruġ tal-liċenza, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha relevanti, ma għandiex tkun limitata u letterali kif iridha l-konvenut. Fil-fehma tal-qorti għandhom jitqiesu wkoll il-fatturi li sejrin jissemmew:

"14. Il-liċenza li fuqha tistrieħ l-attriċi hija waħda minn dawk magħrufa bħala "Liċenzi skont il-Valur tal-Kera", li tfisser illi d-dritt li jitħallas huwa tant fil-mija – fiż-żmien relevanti kien ħamsa fil-mija (5%) jew tliet liri (Lm3), skont liema jkun l-ogħla – tal-valur tal-kera tal-post li dwaru tinħareġ il-liċenza. Il-liċenza nħarġet fuq il-bażi ta' valur tal-kera ta' tnejn u erbgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm42.50), li huwa daqs iċ-ċens li kien jitħallas fuq l-artijiet kollha u mhux biss fuq dik il-parti li fuqha huwa mibni l-uffiċċju. L-indikazzjoni għalhekk hija illi l-liċenza tolqot l-art kollha u mhux biss parti relativament żgħira minnha,

"15. Dan forsi huwa argument legalistiku. Aktar importanti, fil-fehma tal-qorti, huwa l-fatt illi l-fiera tan-Naxxar kienet tingħata pubbliċità kbira u kienet magħrufa, tista' tgħid, minn kulħadd. Ċertament kienet magħrufa mill-awtoritajiet, tant illi l-Gvern ta' Malta kien imsieħeb fil-*Malta Trade Fairs Corporation* li, kif rajna, kienet tmexxi l-fiera sas-sena 2006; ma kinitx xi attività li ssir bil-moħbi. Ladarba l-awtoritajiet ħallew li ssir bil-permess muri mill-attriċi, dan huwa sinjal ċar illi l-intenzjoni tal-awtoritajiet kienet illi l-permess jolqot dak kollu meħtieġ biex l-attività ssir b'ħarsien sħiħ tal-liġi.

"16. Il-qorti għalhekk tifhem illi l-permess maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija huwa biżżejjed biex jitqies illi l-artijiet tan-Naxxar huma "post liċenzjat biex jinżammu fih fieri kummerċjali" għall-għanijiet tar-reg. 34(2) tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ. Billi l-attriċi ma għandhiex il-ħsieb li tagħmel xi żvilupp jew bdil ta' użu, ma hija meħtieġa ebda liċenza oħra qabel ma l-konvenut ikun jista' jqis it-talba tal-attriċi biex iżżomm fiera fl-istess post bejn l-24 ta' Ġunju u l-4 ta' Lulju 2010."

"Rat ir-rikors tal-appell tad-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Kummerc li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi dina l-Qorti joghgobha:

> "… … thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' Gunju 2010 u minflok joghgobha tichad it-talbiet tas-socjeta` attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha."

"Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` attrici illi in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti illi l-appell huwa infondat u ghandu jigi michud;

"Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Dicembru 2013, quddiem din il-Qorti, is-socjeta` appellata eccepiet ulterjorment il-gudikat fit-termini ta' sentenza ta' din il-Qorti, Sede Inferjuri, tas-26 ta' Gunju 2012, fil-kawza fl-ismijiet **Paul Abela T.F.E.A Ltd v. Id-Direttur (Servizzi tal-Kummerc) Dipartiment tal-Kummerc**, rikors 23/2011;

"Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

"Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

"Ikkunsidrat:

"Illi l-fatti li waslu ghal kawza johorgu mill-parti preliminari tas-sentenza tal-ewwel Qorti riprodotta fil-bidu ta' din is-sentenza. Dak li jrid jigi deciz hu jekk l-artijiet tan-Naxxar humiex artijiet licenzjati biex jinzammu fihom fieri kummercjali. Is-socjeta` attrici tistrieh fuq licenzja moghtija fl-1975 taht ir-Regolamenti tal-1949 (Government Notice 846) dwar il-Licenzji tal-Pulizija, liema licenzja thassret ghal xi zmien, pero`, kienet regghet ingiebet fis-sehh u jidher li ghada fis-sehh sal-lum. Il-kwistjoni hija jekk dik il-licenzja hijiex intiza jew hijiex bizejjed ghall-iskop ta' zamma ta' fieri fuq l-artijiet tan-Naxxar, peress illi l-licenzja hija biss *"to keep an office for the managing of the Malta International Fair at numbers 4 and 5, Alley 1, Gwejdja Street Naxxar"*. L-ewwel Qorti qalet li din il-licenzja ghandha titqies li tolqot l-art kollha, u mhux biss l-ufficcju, peress illi l-attivita` ma kinitx issir bil-mohbi u thalliet issir tul medda ta' snin.

"Il-konvenut appella mis-sentenza u jsostni li l-istess hija zbaljata ghax taghti tifsira lil-licenzja li jmur lill-hinn minn dak li jirrizulta mill-istess.

"Trattata l-ewwel eccezzjoni ta' gudikat fid-dawl tas-sentenza ta' din il-Qorti Sede Inferjuri, tas-26 ta' Gunju 2012, din il-Qorti tara li l-meritu tal-prezenti proceduri u tal-kawza l-ohra huma differenti. Fil-kawza l-ohra, is-socjeta` attrici talbet li tinghata licenzja ghaz-zamma ta' fiera kummercjali fit-Trade Fair Grounds in-Naxxar, li hi licenzja differenti minn dik mehtiega biex l-artijiet jitqiesu post biex fih jinzammu fieri kummercjali, li hu l-mertu ta' din il-procedura. Illum biex wiehed izomm fiera kummercjali jrid zewg licenzji: fl-ewwel lok, l-art fejn ikun sejra tinzamm il-fiera trid tkun hi licenzjata ghal dak l-iskop, u fit-tieni lok, hemm bzonn ukoll licenzja biex dak li jkun ikun jista' jzomm fiera fuq dik l-art. Il-materja tal-kawza l-ohra kienet titratta talba tas-socjeta` attrici li zzomm fiera, waqt li din il-kawza titratta l-materja jekk l-artijiet tan-Naxxar humiex licenzjati ghall-iskop ta' fieri. Fil-fatt, din il-Qorti Sede Inferjuri, ordnat il-hrug ta' licenzja favur is-socjeta` attrici, wara li rat dak li ddecidiet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza tat-18 ta' Gunju

2010, issa appellata. Darba, skont dik is-sentenza (li kienet giet moghtija ezekuzzjoni provvizorja mill-istess l-ewwel Qorti) kien gie deciz li l-licenzja tal-1975 kienet effettivament wahda li nharget skont ir-regolament 34(2) tar-Regolamenti tal-2006 u cioe` *"li l-post kien licenzjat biex jinzammu fieri kummercjali",* setghet tohrog licenzja *ad hoc* lis-socjeta` attrici biex izomm fiera fuq artijiet hekk licenzjati.

"Din il-kawza hi appuntu appell mis-sentenza tat-18 ta' Gunju 2010, li din il-Qorti, Sede Inferjuri, qieset bhala fatt fil-kawza l-ohra. Fil-fatt, il-Qorti qalet li bic-cahda tal-licenzja, *"dak li gie deciz mill-Qorti gie vanifikat"*, u hu dak li ddecidiet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li issa qed jigi mistharreg f'dan l-istadju. Is-sentenza li din il-Qorti, Sede Inferjuri, qalet li trid tigi rispettata fl-interess tar-*rule of law*, kienet giet fil-fatt appellata u hija l-meritu ta' dawn il-proceduri.

"La darba l-meritu taz-zewg kawzi huwa differenti, ma tistax tigi milqugha l-eccezzjoni ta' gudikat relatat mal-odjerni proceduri.

"Fil-meritu, din il-Qorti tara li l-argument tad-Direttur appellant ghandu mis-sewwa. Il-licenzja li nharget fl-1975 harget biss ghaz-zamma ta' ufficcju u inharget fuq isem Gerald Claud Gatt. Dan seta', kieku ried, applika wkoll ghal-licenzja biex ikun jista' juza post desinjat ghal bejgh ta' merkanzija, izda naqas li jaghmel dan. Dak iz-zmien kien hemm bzonn licenzja biex "isiru fieri f'xi gurnata specifikata", izda ma kien hemm ebda htiega illi fiera hekk awtorizzata issir minn post li jkun licenzjat sabiex fih isiru fieri. Fi kliem iehor, ghalkemm kien hemm htiega ta' licenzja biex tinzamm fiera f'xi gurnata partikolari, din il-fiera ma kellhiex bilfors tinzamm f'post licenzjat ghalhekk, ghax licenzja biex post jigi dizinjat ghall-fieri ma kinitx tezisti. Li jfisser li, la darba l-licenzja mahruga favur Gerald Claud Gatt kienet tistipula li kienet wahda ghaz-zamma ta' ufficcju, ma tistax tigi interpretata li kienet ukoll tawtorizza z-zamma tal-fieri fuq l-artijiet tan-Naxxar. Il-htiega ta' licenzja biex tinzamm fiera fuq art partikolari saret mehtiega biss mill-2006 'il quddiem permezz tar-regolament 34(2) tar-Regolamenti dwar il-Licenzji tal-Kummerc, u din il-licenzja ma tistax tigi *"implied"* li tezisti minn licenzja li harget 29 sena qabel u meta ma kienx hemm htiega li fiera ssir f'post licenzjat ghal dak l-iskop. La darba din il-licenzja, bhala fatt, ma nhargitx, jghidu x'jghidu l-partijiet, il-punt jibqa' li l-art mhux legalment licenzjata ghaz-zamma ta' fieri, u ma hemmx permess ta' zvilupp kif rikjest fir-regolament 34(2) imsemmi.

"Il-fatt li l-attivita` tal-fiera ma kinitx issir bil-mohbi u li l-awtoritajiet "hallew" li din tkompli ssir kull sena, ma jfissirx li l-awtoritajiet kienu qed qiesu l-licenzja tal-ufficcju bhala li testendi ghall-art kollha fejn kienet issir il-fiera. Biex dik l-art tintuza ghall-fieri ma kienx mehtieg licenzja, u din saret necessarja fl-2006, u l-uzu tal-art bhala fiera twaqqaf fl-2007 (veru li ghar-ragunijiet indipendenti mil-licenzja, pero`, bhala fatt l-attivita` twaqfet hekk kif kien mehtieg licenzja ghal uzu tal-art bhala fiera). Sal-2006, il-fiera setghet tinzamm in-Naxxar mhux ghax l-art kienet koperta b'licenzja ghall-fiera, izda ghax il-korporazzjoni setghet

titlob licenzja ghall-fiera, u xejn aktar. Wiehed jista' jargumenta illi l-intenzjoni tal-awtoritajiet meta naqsu li jintervjenu ghal diversi snin kienet illi l-fiera kienet koperta b'permess pero` ma jistax jigi argumentat illi l-hsieb tal-awtoritajiet kien li l-artijiet tan-Naxxar kienu koperti b'permess, u dan meta dan il-permess ma kienx mehtieg ghal 29 sena.

"Il-fatt li kien johrog permess ghal zamma ta' fiera fil-Fair Grounds tan-Naxxar, ma jfissirx li dawk il-Grounds setghu jibqghu jintuzaw ghal zamma ta' fieri, anke meta, fl-2006, sar mehtieg li l-artijiet fejn jinzammu fieri jridu jkun licenzjati appozitivament ghal dak l-iskop.

"Permess ghaz-zamma ta' fiera kien ovvjament jindika fejn kellha tinzamm il-fiera, pero`, dan ma kienx ifisser li l-art hija licenzjata ghaz-zamma tal-fieri. Kif inghad, il-htiega li l-art tigi hekk licenzjata kien mehtieg biss fl-2006, u dak li sar qabel ma jistax jigi estiz biex ifisser dak li ma kienx mehtieg.

"Apparti dan, il-licenzja li harget fl-1975 harget fuq isem Gerald Claud Gatt ghal Malta Trade Fair Corporation, u kif kien jinghad fir-Regolamenti tal-1949, il-licenzji huma "personali" u ma setghux jinghataw mit-titular lill-haddiehor. Ghalhekk, dik il-licenzja, se mai, taghti drittijiet lill-Malta Trade Fair Corporation u mhux lis-socjeta` attrici li, allura ma ghandha ebda "licenzja" favur taghha li maghha tista' torbot it-talba taghha."

*L-ewwel raguni [811(f) tal-Kap.12]*

4. Is-socjeta` attrici ssostni li fis-sentenza attakkata din il-Qorti iddecidiet *extra petita* meta ghaddiet biex titratta u taghti decizjoni dwar in-natura tal-licenzja li kellha il-predecessur tas-socjeta` attrici, u cioe` l-*Malta Trade Fair Corporation*. Hija kompliet tispjega dan l-ilment bil-mod segwenti -

"Illi l-esponenti tirrileva li hekk kien il-kaz fis-sentenza tal-Qorti talAppell billi l-kwistjoni kienet semplicement jekk il-licenzja mahruga fl- 1975 kienetx bizzejjed ghall-ghanijiet tas-subinciz (2) tal-artikolu 34 tar-Regolamenti tal-200G dwar il-Licenzi tal-Kummerc (u cioe' jekk kienetx bizzejjed biex is-sit jitqies wiehed licenzjat biex fih jinzammu fieri kummercjali), u ghaldaqstant ma kienetx timmerita interpretazzjoni tan-natura tal-licenzja nnifisha kif ghamlet il-Qorti tal-Appell meta ghaddiet tiehu konjizzjoni li l-imsemmija licenzja 'harget fuq isem Gerald Claud

> Gatt ghal Malta Trade Fair Corporation, u kif kien jinghad fir-Regolamenti tal-1949, il-licenzji huma "personali" u ma setghux jinghataw mit-titular lill-haddiehor';
>
> "Illi fil-kaz de quo din l-Onorabbli Qorti tal-Appell, decidiet is-sentenza billi kkunsidrat li l-licenzja tal-1975 kienet tghajjat lill-Malta Trade Fair Corporation u mhux lis-socjeta attrici u ghaldaqstant allura 1- esponenti ma setghetx tivvanta li kellha licenzja favuriha; Illi dan ilfatt huwa propju r-raguni ghaliex is-sentenza tal-1 t' April, 2014 hija moghtija b'rizultat ta' xi haga mhix imdahhla fit-talba fis-sens illi din 1- Onorabbli Qorti kellha tikkunsidra biss jekk il-licenzja fuq is-sit in kwistjoni (li l-ezistenza taghha fuq is-sit tan-Naxxar qatt ma kienet kontestata mill-partijiet, fatt li gie kristallizat mill-Ewwel Qorti waqt is-seduta tas-16 ta' Gunju 2010 [vide para. 12 tas-sentenza]) kienetx fil-fatt licenzja ghall-uzu ta' fieri kummercjali kif rikjesta ghal finjiet tas-subinciz (2) tal-artikolu 34, u mhux tinvestiga n-natura, it-titolu, ddrittijiet ta' assenjazzjoni derivanti mill-istess licenzja u tasal ghallkonkluzjoni li fuq is-sit ma tezisti l-ebda licenzja."

5. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li minn qari tas-sentenza attakkata jirrizulta car li dak li ezaminat din il-Qorti u li iddecidiet dwaru kien jekk, wara l-hrug tar-Regolamenti tas-sena 2006, il-licenzja li kellha s-socjeta` attrici, mahruga bis-sahha tar-Regolamenti tas-sena 1949 dwar il-Licenzji tal-Pulizija[6], kienitx wahedha bizzejjed sabiex tinzamm legalment il-fiera kummercjali fuq l-artijiet tan-Naxxar fid-dati indikati fir-rikors promotur.

6. F'dik is-sentenza il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li wara r-Regolamenti tas-sena 2006 din il-licenzja wahedha ma kienitx aktar bizzejjed ghaz-zamma ta' fiera kummercjali izda kien jehtieg li jkun hemm licenzja wkoll fuq l-art fejn tkun ser tinzamm il-fiera. Dik il-Qorti kompliet tispjega hekk:

[6] mahruga taht l-Att dwar il-Licenzji tal-Pulizija

> "… din il-licenzja ma tistax tigi *implied* li tezisti minn licenzja li harget 29 sena qabel u meta ma kienx hemm il-htiega li fiera ssir f'post licenzjat ghal dan l-iskop…..Il-fatt li kien johrog permess ghal zamma ta' fiera fil-[Trade] Fair Grounds tan-Naxxar, ma jfissirx li dawk il-Grounds setghu jibqghu jintuzaw ghaz-zamma ta' fieri, anke meta, fl-2006, sar mehtieg li l-artijiet fejn jinzammu fieri jridu jkunu licenzjati appozitament ghal dak l-iskop…..il-htiega li l-art tigi hekk licenzjata kien mehtieg biss fl-2006, u dak li sar qabel ma jistax jigi estiz biex ifisser dak li ma kienx mehtieg."

7. Dan huwa l-qofol tal-kwistjoni u huwa dan li gie deciz fis-sentenza attakkata. Inoltre l-fatt li fil-parti konklussiva tas-sentenza il-Qorti rrimarkat *obiter* dwar in-natura "personali" tal-licenzja skont ir-Regolamenti tas-sena 1949 – li skont il-konvenut kien punt li kien tqajjem minnu fil-kors tat-trattazzjoni orali – ma jdghajjifx il-konkluzjoni ragjunta mill-Qorti fis-sentenza appellata bhallikieku l-Qorti strahet fuq dan l-ahhar argument sabiex tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

8. Ghaldaqstant din il-bazi ghar-ritrattazzjoni hija infondata.

*It-tieni raguni [811(e) Kap.12]*

9. Taht dan il-bazi, is-socjeta` attrici ssostni li jidher car li l-Qorti ddisponiet mill-appell billi "serrhet pjenament fuq id-dispozizzjonijiet rizultanti mir-Regolamenti tal-1949 mentri … il-ligi applikabbli kellha tkun id-dispozizzjoni transitorja li tinsabt taht is-subinciz [2] tal-Artikolu 22 tal-Kap. 441.[7]

[7] Dan is-subinciz jaqra hekk: "Ir-regolamenti kollha maghmulin taht id-disposizzjonijiet ta' xi ligi li qed tigi emendata jew imhassra kif imsemmi qabel, u murija fl-iskeda li tinsab ma' dan l-Att, ghandhom,

10. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li dak li japplika fil-kaz odjern u li fil-fatt gie applikat fis-sentenza attakkata, m'huwiex id-dispost tal-Artikolu 22[2] tal-Kap. 441, izda r-regolamenti mahruga taht l-istess att fis-sena 2006 u li jirregolaw, *inter alia*, l-ghoti ta' licenzji ghaz-zamma ta' fieri kummercjali fosthom ir-rekwiziti li ghandhom jikkonkorru sabiex tali licenzja tkun tista' tinghata.

11. Is-socjeta` attrici tkompli tissenjala li din il-Qorti kellha tapplika d-dispozizzjonijiet [artikolu mhux indikat] tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp u senjatament ir-regolamenti maghmula fis-sena 1993 biex jirregolaw iz-zamma tal-fieri. Tghid:

> "Illi inoltre jigi rilevat li l-ligijiet applikabbli kienu precizament ir-regolamenti li kienu maghmula sabiex jirregolaw iz-zamma tal-fieri u l-ligi maghmula fis-sena 1993, ossija l-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp. Il-kwistjoni u l-vertenza vera w propja fil-kawza li minnha qieghed jintalab issir ir-ritrattazzjoni ma kienetx jekk l-atturi kienux precedentement igawdu licenzja biex izommu fieri fis-sit in kwistjoni izda jekk il-post in kwistjoni kienx adibit b'licenzji ghaz-zamma tal-fieri jew le, u jekk il-fieri setghux jigu legittimament mizmuma fil-fond in kwistjoni. Gara li issa l-ligi titlob kriterju addizzjonali oggettiv u mhux soggettiv. Dwar dan il-persuna li kellha l-licenzja hija totalment irrilevanti ghall-ghajnejn il-ligi hekk kif emendata sabiex tigi stabbilita d-determinazzjoni tal-uzu tal-post. U huwa precizament fdan is-sens li l-Onorabbli Qorti tal-Appell applikat il-ligi hazin ghaliex naqset li tikkunsidra jekk il-post kienx wiehed legittimament uzat ghall-uzu tal-fieri jew le, u billi kkoncentrat fuq il-punt jekk is-socjeta' kelliex licenzja jew le biex izzomm fiera u ghaldaqstant applikat il-ligi hazin. Mhux hekk biss talli anzi naqset totalment li tapplika il-ligi kif inhi issa in vigore u applikat ligi ohra li addirittura hija antikwata.
>
> "Fil-fatt meta gie introdott l-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp u gie kontrollat l-uzu tal-proprjeta`, il-ligi pprovdiet espressament li kull uzu li kien

sakemm issir xi disposizzjoni taht jew bis-sahha ta' dan l-Att, jew tal-ligijiet hawn qabel imsemmija kif emendati, ikomplu fis-sehh u jkollhom effett bhallikieku maghmula taht dan l-Att jew il-ligi rilevanti kif emendata, skont ma jista' jkun jehtieg il-kaz."

> qieghed isir mill-proprjetajiet sal-1 ta' Jannar tal-1993 kien uzu legittimu u kellhom jibqghu hekk legittimi u kellha ssir biss applikazzjoni meta l-uzu ta' dik il-proprjeta` kien ser jinbidel. Ghalhekk, l-uzu tal-proprjeta` giet imnehhija mill-abbinament li kellha qabel mal-persuna li tkun licenzjata biex issa wiehed kellu jara x'uzu kien permess li kien qieghed isir minn dik il-proprjeta`.
>
> "L-uzu legittimu tal-proprjeta` fl-1993 baqa' uzu legittimu sa llum jew sad-data meta dak l-uzu jigi mibdul wara applikazzjoni appozita."

12. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li, apparti mill-fatt li mis-sena 2007 il-fiera internazzjonali ma nzammitx aktar fin-Naxxar u ghalhekk kien waqaf jew twaqqaf l-uzu tal-post ghal dan l-iskop, il-fatt li qabel ir-regolamenti tas-sena 2006 il-fiera kienet issir f'dak is-sit skont il-licenzja *ad hoc* li kienet tinhareg kull sena fuq applikazzjoni tal-precedessur tas-socjeta` attrici u li fit-termini taghha l-licenzja kienet tkopri biss il-binja u l-ufficini minn fejn kienet tigi gestita l-fiera, ma jistax jitqies li allura dak il-post kien munit b'licenzja sabiex jinzammu fieri fih ai termini tar-regolament 34 [2], ghax meta gew fis-sehh ir-regolamenti in kwistjoni ma kienx hemm ir-rekwizit li l-post ried ikun wiehed licenzjat ghaz-zamma tal-fieri kummercjali. Ghalhekk ma jistax validament jinghad li qabel is-sena 2006 il-post kien gja` munit b'licenzja ghaz-zamma tal-fieri, ghax kif sewwa qalet dik il-Qorti fis-sentenza attakkata, dak ir-rekwizit ma kienx jezisti u allura l-licenzja li kienet tinghata kienet limitata biss ghaz-zamma tal-fiera.

13. Inoltre iz-zamma tal-fiera fin-Naxxar fis-sena 2007, u ghalhekk wara l-hrug tar-regolamenti tas-sena 2006, ma hu ta' ebda konfort ghat-

tezi tal-attrici, stante li, kif spjega d-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Kummerc, Godwin Warr, il-permess ghal dik is-sena kien hareg fuq impressjoni zbaljata tad-Dipartiment li la darba fis-snin precedenti l-fiera kienet issir fin-Naxxar allura l-post kien licenzjat ghalhekk. Fil-fatt minn tfitxija li saret wara rrizulta li mhux il-post fejn kienet tinzamm il-fiera kien licenzjat izda l-bini tal-ufficini, u huwa ghalhekk li l-konvenut wara s-sena 2007 beda jinsisti, konformament mar-regolamenti tas-sena 2006, l-applikazzjoni ghaz-zamma ta' fiera tkun munita b'dikjarazzjoni minghand l-Awtorita` tal-Ippjanar li l-post indikat huwa post licenzjat sabiex isiru fih fieri kummercjali.

14. Dwar is-sottomissjoni tas-socjeta` attrici li l-Qorti "applikat il-ligi hazin ghaliex naqset li tikkonsidra jekk il-post kienx wiehed legittimament uzat ghall-uzu tal-fieri jew le u billi kkoncentrat fuq il-punt jekk is-socjeta` kellhiex licenzja jew le biex izzomm fiera u ghaldaqstant applikat il-ligi hazin", din il-Qorti tissenjala li dak li jezigi l-imsemmi regolament fis-subinciz [2] huwa li <u>l-post</u> indikat ikun "post <u>licenzjat</u>[8] biex…… jinzammu fih fieri kummercjali." u ghalhekk l-enfasi maghmula fis-sentenza attakkata dwar ir-rekwizit tal-licenzja huwa korrett u gustifikat. Fil-kaz odjern dan ir-rekwizit jinsab mankanti stante li s-socjeta` attrici naqset milli tapplika lill-awtorita` kompetenti biex tikseb

[8] Sottolinear tal-Qorti

dikjarazzjoni li l-post indikat mill-attrici huwa hekk "licenzjat". Kif osservat fis-sentenza attakkata "din il-licenzja ma tistax tigi *implied*".

15. Rigward is-sottomissjoni attrici li l-Qorti injorat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kompetenza inferjuri taghha fis-26 ta' Gunju 2012 [kawza nru. 23/2011] fejn, fi kliem l-attrici, il-Qorti osservat "li dak kien post fir-rigward ta' liema setghet tinhareg licenzja", din il-Qorti tosserva li dan ma hu ta' ebda konfort ghat-tezi tal-attrici li min-naha taghha ssostni li peress li ma kienx hemm bdil fl-uzu tal-art ma kienx hemm lok li ssir applikazzjoni biex l-art tigi licenzjata ghaz-zamma ta' fiera kummercjali, ghax il-fatt jibqa' li dan ir-rekwizit rikjest mis-sub inciz [2] tar-regolament 34 ghadu mankanti u ghalhekk kellha ssir applikazzjoni *ad hoc* da parti mis-socjeta` attrici, munita b'dikjarazzjoni minghad l-Awtorita` dwar l-Ippjanar li l-post kien wiehed licenzjat ghaz-zamma ta' fieri kummercjali.

16. Finalment, rigward is-sottomissjoni attrici li "a tenur tal-verbal tal-15 ta' April 2011 il-partijiet iddikjaraw illi hemm qbil bejniethom li t-Trade Fair Grounds huwa post licenzjat biex fih jinzammu fieri kummercjali", il-Qorti tosserva li din is-sottomissjoni hija gratuwita stante li mill-atti processwali ma jirrizultax li sar verbal kif indikat mill-attrici.

17. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti hi tal-fehma li meta l-Qorti applikat ghall-kaz ir-regolament numru 34[2] tar-regolamenti mahruga fis-sena 2006 hija applikat il-ligi t-tajjeb applikabbli ghall-kaz.

Ghaldaqstant anke din il-bazi tar-ritrattazzjoni hija infondata.

<u>Decide</u>

Ghar-ragunijiet premessi tichad ir-rikors bl-ispejjez a kariku tas-socjeta` attrici.

| | | |
|---|---|---|
| Noel Cuschieri<br>Agent President | Mark Chetcuti<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df